MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (INFERJURI) MALTA

## ONOR. IMHALLEF SCIBERRAS PHILIP LL.D.

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2002

Appell Civili Numru. 990/2001/1

**Fenici Insurance Agency Limited bhala agenti ta' Lloyds ghan-nom tas-sindakati bin-numri indikati f'Dok. A kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Vicmar Limited (Dok. B).**

**vs**

**Paul Stoner u F. Zammit Nurseries Limited**

**Il-Qorti,**

Fl-24 ta' Jannar, 2001 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*"Il-Qorti,*

*Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma li tigi likwidata fl-ammont*

*ta' elfejn erba' mija u tlieta u erbghin lira Maltija (LM2,443.00,0) jew somma verjuri, dovuta lill-kumpanija attrici nomine ghas-somma minnha sborsata taht il-polza bin-numru 2013955521298 (Dok C) u dawn rapprezentanti danni kkagunati lill-proprjeta' assikurata ta' Vicmar Limited li tinsab numru 40, Triq il-Palm, Santa Maria Estate, Mellieha, meta l-konvenuti, jew min minnhom, dahal fil-proprjeta' msemmija u qaccat ghaxar sigar miz-zokk principali taghhom minghajr il-permess tal-kumpanija Vicmar Limited, kif spjegat u dettaljat fir-rapport ta' D.G. Curmi & Associates (Dok. D);*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 20 ta' Lulju 2000 (Dok. E) u bl-imghax legali kontra l-konvenuti, jew minn minnhom, li gew ingunti ghas-subizzjoni;*

*Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta F. Zammit Nurseries Limited twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);*

*Billi ghalkemm notifikata regolarment l-socjeta' konvenuta naqset u ma deheritx, la fis-17 ta' Jannar tas-sena 2002 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;*

*Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta F. Zammit Nurseries Limited."*

Ikkunsidrat;

Minn din is-sentenza appellat is-socjeta' konvenuta F. Zammit Nurseries Limited permezz ta' rikors ta' l-appell li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata fuq il-konsiderazzjonijiet minnha dedotti fiz-zewg aggravji taghha:-

i. L-ewwel wiehed jirrigwarda l-istat kontumacjali taghha quddiem l-ewwel Qorti;
ii. It-tieni jikkoncerna l-kapitolu prezentat mis-socjeta' attrici.

Jigi rilevat illi s-socjeta' appellata ma ghandhiex ragun fil-pregudizzjali minnha sollevata tal-irritwalita' u nullita' ta' l-appell. Bl-oppost ta' dak minnha ritenut ghandu jirrizulta bl-aktar mod car illi s-socjeta' konvenuta appellanti weriet attivament illi hi xtaqet tiggustifika l-kontumacja taghha. Fil-fatt l-ewwel aggravju hu msejjes proprju f'din id-direzzjoni u s-socjeta' appellanti dan kompliet tesponih fit-trattazzjoni orali quddiem dina l-Qorti. Jekk imbaghad il-motivi avvanzati humiex validi jew le dik hi kwistjoni ohra li strettament ma tikkoncernax il-pregudizzjali sollevata.

Dan iwassal ghall-osservazzjoni illi l-konvenut li jibqa' kontumaci quddiem l-ewwel Qorti mhux prekluz milli jappella minn sentenza ta' dik il-Qorti u sahansitra jittratta l-kawza (**Vol XLII p1 p517; Vol XXI p1 p139;** "**E. Grech –vs- A. Saglimbene"**, App Kummercjali, 9 ta' April 1992; "**Benny Zaffarese noe –vs- Maximillian Castagna noe**", Appell, 30 ta' Gunju 1997, fost bosta ohrajn**.**

Jinsab ukoll ritenut illi l-appellant ma jistax jissottometti dwar l-aggravju tieghu fil-meritu qabel ma jiggustifika l-kontumacja tieghu ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti ("**P.L. Joseph Zammit noe –vs- Anthony Agius noe**", Appell Kummercjali, 6 ta' Gunju 1994; "**Joseph Vella pro et noe –vs- John Vella**", App Kummercjali, 21 ta' Mejju 1993).

Gie precizat, imbaghad, f'gurisprudenza l-aktar ricenti ili "*l-istitut tal-kontumacja hu ntiz bhala fren biex irazzan l-atteggjament tal-kontumelja u disprezz da parti ta' min kien citat biex jersaq quddiem il-Qorti u jaghzel li jinjora tali ordni bla ma jkollu gustifikazzjoni xierqa*" (**Vivian Charmaine Mizzi –vs- Carmel Mizzi**", Appell, 13 ta' Lulju 2001).

Dan stabbilit, irid jigi ezaminat jekk fic-cirkostanzi tal-kaz is-socjeta' appellanti rnexxilhiex tressaq ragunijiet accettabbli u perswazivi bhala gustifikazzjoni ta' l-istat kontumacjali taghha quddiem il-Qorti ta' l-ewwel grad. Jinghad mill-ewwel li dan ma jidherx li hu l-kaz u din il-Qorti ma tistax taccetta l-iskuzanti fl-argoment tas-socjeta' appellanti illi din strahet fuq l-assigurazzjoni li kien taha l-

konvenut l-iehor Paul Stoner li kien ser jiehu hsieb id-difiza taz-zewg konvenuti permezz tal-Avukat tieghu. Anke jekk dan kien minnu hi xorta wahda kien messha b'dover tassigura illi l-konvenut l-iehor adempixxa din l-istess assigurazzjoni. L-indagini taghha ma kellhiex issir "causa finita" izda fil-kors taghha. Kien jinkombi fuqha li tara illi l-Eccezzjonijiet kienu gew intavolati wkoll f'isimha. Jew ghal anqas tindenja ruhha li tidher fil-proceduri u tikkontesta t-talba. La ma ghamlet xejn minn dan, l-atteggjament taghha jista' jitqies wiehed kolpuz.

Inghad mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet "**Costantino Ablea –vs- George Azzopardi**", 28 ta' Mejju 1990 illi:-

"*Il-kontumacja trid tkun kemm formali kif ukoll sostanzjali; l-assenza trid tkun kemm fl-atti kif ukoll fl-udjenza. Huwa manifest li assenza mill-atti trid tigi konfermata b'assenza bhallikieku huwa kontumaci – fis-sens pjen tal-kelma*."

Mill-apprezzament li ghamlet din il-Qorti din il-kontumacja mhux biss hi lampanti f'dan il-kaz izda, inoltre, ma ngiebu l-ebda motivi serji kapaci bizzejjed li jikkonvincu lill-Qorti taghti konsiderazzjoni xierqa lill-ilment tas-socjeta' konvenuta. Ghalhekk l-ewwel aggravju tas-socjeta' appellanti qed jigi respint billi ma tressqet l-ebda gustifikazzjoni konvincenti tal-kontumacja taghha.

Issa l-fatti li l-istat kontumacjali ma jistax jigi spurgat ma ghandux ifisser ukoll illi s-socjeta' konvenuta, bhal kull konvenut iehor hi prekluza milli taghmel is-sottomissjonijiet taghha biex, kif hekk irid l-Artikolu 158 (10) Kap 12, "tiddefendi ruhha kontra t-talba tas-socjeta' attrici". Dan l-istess principju japplika fil-kaz ta' trattazzjoni quddiem din l-Qorti, kif hekk kellha okkazjoni tissenjala l-Qorti ta' l-Appell fil-kaz fl-ismijiet "**Joseph Aquilina noe –vs- Lino Debono**", 7 ta' Ottubru 1997. Del resto, kif bosta drabi rimarkat, il-kontumacja wahidha ma kellhiex titqies bhala ammissjoni tat-talba ta' l-attur da parti tal-konvenut izda kontestazzjoni ta' l-istess. Gie rilevat fid-decizjoni a **Vol XXIX pIII p35** illi "*ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dana ma jfissirx illi huwa abbanduna kull*

*eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domandi. Il-gudikant ghandu jezamina jekk it-talba hiex gustifikata indipendentement mill-kontumacja tal-konvenuti*."

Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi l-quddiem u tezamina l-aggravju l-iehor imqanqal mis-socjeta' appellanti anke ghaliex dan ukoll gja gie dibattut quddiemha.

Is-socjeta' appellanti qeghda tikkontesta s-subizzjoni taghha maghmula permezz tal-kapitolu pprezentat mis-socjeta' attrici. Hi tadduci sensiela ta' motivi fl-impunjattiva taghha tal-kapitolu prezentat. Inter alia, (i) l-okkju tal-kapitolu hu zbaljat; (ii) ma tissemmiex il-persuna fizika li tirrapprezenta s-socjeta' kif hekk kellu jkun fil-kaz ta' socjeta'; u (iii) il-kapitolu ma jsemmiex is-somma pretiza b'mod preciz, konsiderat il-fatt illi fl-avviz intalbet somma specifika jew somma verjuri.

Il-Qorti hi tal-fehma li dawn huma kollha riljievi ta' kavillar legalistiku u ta' tfettiq esagerat. L-okkju tal-kapitolu, bhal dak tal-kawza, ghandu importanza relattiva, u mhux daqstant essenzjali ghall-validita' tal-iskritturi ghalkemm dejjem hu desiderabbi li jitnizzel korrettement. Fil-kaz de quo s-socjeta' konvenuta hi ben identifikata u kienet l-unika wahda b'dak l-isem fil-proceduri, anke jekk l-ittra "F." li tipprecedi "Zammit Nurseries Limited" ma kenitx imnizzla.

Ukoll ma kienx mehtieg li fil-kapitolu jigi indikat l-isem tal-persuna fizika li tirrapprezenta lis-socjeta'. Dan ghaliex skond l-Art 118 (a) tal-Kap 12 insibu dispost b'mod tassew car illi "meta tigi prezentata skrittura minn jew kontra korp li jkollu pesonalita' guridika, ikun bizzejjed li wiehed inizzel isem il-korp". Bl-emendi apportati ghal Kap 12 illum mhiex citata l-persuna li ghandha r-rapprezentanza guridika tas-socjeta' konvenuta biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, imma hi s-socjeta' innifisha qua persuna guridika b'isimha u taht isimha biss li tigi citata. ("**Angela Fenech – vs- Joseph Felice noe**", Appell, 28 ta' Frar 1997). Dan ighodd, skond it-test tal-ligi, ghall-iskritturi kollha prezentati fil-kors tal-kawza, kompriz ghalhekk il-kapitolu.

Kwantu għall-aħħar riljiev dan hu għal kollox insostenibbli. L-ammont reklamat mis-socjeta' attrici fl-avviz hu kjarament specifikat. Il-kliem aġġuntiv "jew somma verjuri" ma tinficjax għal daqshekk il-kapitolu. Dak il-kliem għandu skop u finalita' xort'oħra kif indikat fis-sentenza a **Vol VI p138**.

In materja ta' kapitolu dak li tabilħaqq hu importanti li jiġi osservat huma d-dettami tal-Art 702 tal-Kap 12 u li l-kawza titħalla għal data oħra għas-subizzjoni. Apparti l-praxis dan jista' jiġi argomentat mill-Art 699 (2) li jiddisponi li l-kapitoli għandhom jiġu ipprezentati lill-Qorti waqt is-smiegħ tal-kawza biex jiġu approvati. Il-kapitolu 'de quo' jikkonforma ruħu ma' dan.

"Hu principju stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna illi l-kawza ġusta biex il-parti ma tidhirx quddiem il-Qorti, għalkemm ikunu saru kapitoli kontra tagħha, għandha tikkonsisti f'impediment leġittimu li minħabba f'dak l-impediment il-parti ma setgħetx tirrispondi għall-kapitoli li saru kontra tagħha". Ara "**Anthony Borg -vs- Samwel Veneziani**", Appell Sede Inferjuri, 28 ta' April 1998.

Fl-appell interpost ma saret l-ebda referenza għall-ezistenza ta' xi kawza ġusta u għalhekk wkoll dan it-tieni aggravju, anke għal konsiderazzjonijet l-oħra fuq esposti, ma jistax jirċievi favur.

Il-Qorti tagħmel din l-aħħar osservazzjoni fir-rigward. Ma jfissirx illi l-fatt biss li s-subent ikun naqas bla ġustifikazzjoni li jidher biex jirrispondi għall-kapitolu magħmul kontra tiegħu kellu neċessarjament iwassal biex il-Qorti tilqa' t-talba attrici. Dan għaliex skond il-liġi "l-ammissjoni bis-subizzjoni ta' waħda mill-partijiet tista' tagħmel prova ta' fatt ……" (Art 694 (2)). Aktar rilevanti hu s-subinciz (3) ta' dan l-artikolu li jiddisponi illi f'kull kaz tkun magħduda bħala li tagħmel prova dik il-parti biss ta' l-amissjoni li l-Qorti jidhrilha li tisthoqq li tkun emmnuta".

Dan ifisser li l-prova bil-kapitolu konfessat għandha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova oħra li tkun prodotta.

F'dan il-kaz ingiebu provi sufficjenti biex jissostanzjaw il-fatt tad-dannu, l-ammont tal-hsara, u l-hlas lill-assigurat. Dan hu ben evidenzjat mid-dokumenti minn fol 3 sa fol 16 tal-process. Anke ghalhekk ghal din ir-raguni dina l-Qorti ma thossx li ghandha tiddisturba s-sentenza ta' l-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi rigettat u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta' konvenuta appellanti.

Dep/Reg
cb